**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 31**

**It-Tlieta 12 ta' Mejju 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fis-19.00.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

## 31.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija

**31.01.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**31.01.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 31.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 30)

**31.02.01** Fuq proponiment tas-Sindku John Schembri u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-minuti ta' seduta **30** ġew approvati unanimament.

## 31.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**31.03.01** Xejn

## 31.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**31.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat li l-Girl Guides, li suppost kienu se jiċċelebraw l-40 sena mit-twaqqif tagħhom f'Mejju, se jipposponu l-attivitajiet tagħhom għal Ottubru.

**31.04.02** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li rċieva korrispondenza mill-UTV sabiex jekk irridu jxandru l-festa ta' Ħal Luqa fuwq l-istazzjon tagħhom. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell se tkun qed tikkomunika din id-deċiżjoni fil-jiem li ġejjin.

## 31.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**30.05.01** Xejn.

## 31.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**31.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-messaġġi What's App u tat rendikont u ppreżentat ir-rapporti mitluba ta' kemm daħlu l-ilmenti matul dak ix-xahar.

**31.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva email mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali mit-Taqsima tal-Monitoraġġ rigward kwistjoni li ġiet identifikata waqt verifiki reċenti ta' konformità mwettqa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO). Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li s-sottomissjoni trimestrali tal-listi ta' fornituri li jonqsu milli joħorġu r-riċevuti fiskali meħtieġa (jew dikjarazzjonijiet NIL, fejn applikabbli) mhijiex qed issir b'mod konsistenti. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li minn issa 'l quddiem, fuq direzzjoni tad-Diviżjoni, is-sottomissjoni għandha tinkludi l-informazzjoni preskritta u hija meħtieġa anke meta ma jkun hemm l-ebda fornitur inadempjenti (dikjarazzjoni NIL).

## 31.07 Korrispondenza

**31.07.01** Xejn

## 31.08 Skema: SPI.SCI.03.2026 – Attivitajiet tal-Milied 2026

**31.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat din l-iskema tal-Milied lill-Kunsilliera preżenti. Is-Sindku John Schembri qal li għal sena oħra, il-fondi minn din l-iskema għandna nutilizzawhom sabiex inżejnu b'dawl dekorattiv it-toroq ta' Ħal Luqa u Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri qal li nagħmlu użu mill-baned tal-lokal. Il-Kunsillier Anton Gatt qal li jekk naraw li ftit bandisti tal-lokal se jieħdu sehem, allura nqabbdu banda barranija biex b'hekk ikollna aktar atmosfera tal-Milied. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li nagħmlu attivita` fuq ġewwa, li ssir ġewwa l-iskola. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna fisser li għandha ssir varjeta` ta' serata minn nies Luqin. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' dak propost.

## 31.09 Jum Ħal Luqa

**31.09.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-quddiesa ta' Jum il-Lokal se ssir fil-15 ta' Mejju f is-18.30. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li ċ-ċerimonja li fiha jingħata Ġieħ Ħal Luqa u r-rikonoxximenti ssir nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju. Is-Sindku John Schembri spjega li fis-18.00 jitlaq korteo bis-sehem tal-għaqdiet volontarji minn Triq il-Karmnu, jgħaddu mill-Pjazza, Triq Sant'Andrija. Is-Sindku john Schembri qal li hemmhekk issir waqfa quddiem il-Monument tal-Gwerra fejn se jitqiegħdu kuruni tar-rant mis-Sindku u l-għaqdiet volontarji u wara l-korteo jispiċċa fl-Iskola Primarja fejn se ssir iċ-ċerimonja din is-sena. Is-Sindku John Schembri qal li waqt il-korteo se jkunu akkumpanjati mill-istess banda li kienet se tintuża' għall-ġemellaġġ sabiex il-flus ma jinħlewx.

## 31.10 PA/00750/23 u PA's oħrajn

**31.10.01 PA/6603/18 – Fabbrika tal-Ħalib.** B'referenza għal din il-PA, is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa ħareġ bi stqarrija li fiha qal li l-Kunsill ma kienx ikkonsultat għal din il-fabbrika tal-ħalib. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li għal bidu l-ħsieb kien li jsir maħżen iżda mbagħad l-applikazzjoni nbidlet għal waħda ta' fabbrika. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li din il-fabbrika se żżid l-influss ta' traffiku. Is-Sindku John Schembri qal li aħna bħala Kunsill rridu nirrispondu għar-residenti u għalhekk se jkun qiegħed jitlob laqgħa fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku John Schembri temm jgħid li hemm ODZ u allura bħala Kunsill Lokali aħna kontra kull żvilupp.

**PA/00063/33 – Bini ta' Moskea.** Is-Sindku John Schembri u l-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill Lokali se jibqa' konsistenti mad-deċiżjoni ta' qabel u li ma hemm xejn iżjed xi jżid li bħala Kunsill huwa kontra dan il-bini ta' Moskea.

**PA/00750/23 – Qasam Sperimentali.** Is-Sindku John Schembri flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu li joġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp u se jibagħatu l-oġġezzjoni tagħhom lill-PA. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' dan il-proġett għaliex se jkun ta' detriment għar-

residenti. Apparti minn hekk il-Kunsilliera preżenti qablu li tintalab laqgħa mas-sid u jkunu kkjarfikati xi punti. Is-Sindku John Schembri u l-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

## 31.11 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**31.11.01** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo, u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 31.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**31.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2026, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2026.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |